# 130 Sena (1876 - 2006)

## mill-Miġja ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa l-Imqabba

# 95 Sena (1911 - 2006)

## mit-Twaqqif tas-Soċjetà

*tagħrif minn Marvin Sciberras*

Matul is-sena 2006, is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju flimkien mal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Parroċċa ta' l-Imqabba qegħdin ifakkru żewġ anniversarji li direttament jikkonċernaw lil dawn iż-żewġ għaqdiet prominenti fir-raħal tagħna. Dawn l-anniversarji huma il-130 sena mill-miġja ta' l-Istatwa Artistika u Devota tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa l-Imqabba, kif ukoll il-95 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà li ġġib isimHa. F'dan l-artiklu b'laqta storika ser nagħtu ħarsa lejn kif żvolġew dawn iż-żewġ avvenimenti ġewwa r-raħal tagħna.

## 21 ta' Mejju 1876

Il-ġurnata tal-21 ta' Mejju 1876, hija mnaqqxa b'ittri tad-deheb fi qlub il-Komunità Mqabbija. Dan għaliex dak in-nhar, l-Istatwa Artistika u Devota tal-Madonna tal-Ġilju rifset għall-ewwel darba ġewwa l-Knisja ta' l-Imqabba.

L-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju hija kapolavur ta' l-iskultur u marmista ċelebri Giovanni Darmanin. Ix-xogħol fuq din ix-xbieha ġie kkumissjonat u ffinanzjat minn Innocenzo Zammit (In-Naxxari) li kien bniedem influwenti ħafna. L-Istatwa hija ta' stil Neo-Klassiku u naraw lil Marija wieqfa fuq id-dinja b'idejHa fuq sidirHa b'ħarsitHa ħelwa kemmxejn l-isfel, tħares lejn uliedHa mifdijin. B'riġlejHa l-leminija, narawHa tirfes ras is-serp b'tuffieħa f'ħalqu li jissimbolizza d-dnub tan-nisel, filwaqt li l-qamar (simbolu tal-Mara ta' l-Apokalissi) jidher jixref minn taħt is-sħab li jgeżwer l-istess globu li fuqu tinsab wieqfa l-Madonna. Fuq in-naħa tax-xellug tax-Xbiha tal-Madonna naraw Anġlu jżomm Ġiljuwa bħala simbolu tal-Purità ta' Marija Mmakulata. Punt importanti huwa li din l-Istatwa ma ġietx immudellata fuq xi Vara oħra li kienet teżisti qabel l-1876.



## Festi Ċentinarji fl-1976

Fl-1976 saru festi speċjali b'tifkira tal-miġja ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa l-Imqabba mitt sena qabel. Il-qofol ta' dan l-avveniment speċjali ntlaħaq nhar l-14 ta' Mejju 1976, fejn saret ċerimonja li għaliha attendew il-President tar-Repubblika Sir Anthony Mamo u s-Sinjura tiegħu, flimkien ma' l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Din ix-Xbiha ma damitx ma ġibdet lejHa devozzjoni kbira. Fil-fatt mill-ewwel





sarilha Stellarju tal-fidda a spejjeż tal-Kanonku Pullicino. Oriġinarjament, kienet titpoġġa Ġiljuwa naturali f'idejn l-Anġlu, iżda fl-1902 Giovanna Manche' rregalat Ġiljuwa prezzjuża tal-fidda



bħala ringrazzjament ta' grazzja kbira li qalgħet wara li rrikorriet lejn il-Madonna tal-Ġilju. Din il-Ġiljuwa għadha sal-lum il-ġurnata ornament ta' importanza kbira li jagħni din l-Istatwa. Fl-1914 inħadmet bradella nterzjata għanja, xogħol Saverio Olivo ta' l-Isla iżda din sfortunatament intilfet qalb it-tifrik li l-Knisja sofriet fit-tieni Gwerra Dinjija. Waqt l-attakk tad-9 ta' April 1942 din ix-xbieha mirakoluża ntradmet kompletament, iżda l-ħsarat kienu minimi. Bit-tħabrik ta' l-Imqabbi Dun Ġużepp Xuereb, iżżanżnet il-bradella attwali fuq disinn ta' Mastru Manwel Buhagiar ta' Ħal Tarxien fis-sena Marjana ta' l-1954, f'egħluq il-100 sena mid-Definizzjoni Solenni tad-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni mill-Papa Piju IX. Fiż-żmien ta' wara l-Gwerra saru l-4 gastri tal-fidda bi fjuri tal-ganutell u ħaġar prezzjuż u sandli tad-deheb għall-Istatwa flimkien ma' ħafna mill-apparat prezzjuż tal-Konfraternità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Matul is-snin, din ix-xbiha sarulha diversi nterventi ta' restawr u ndoratura, l-aktar wieħed riċenti fl-1985 mill-artist Imqabbi u Partitarju Ġlormu Dingli fejn ħa ħsieb ir-restawr filwaqt li l-induratura saret minn Horace Farrugia.

L-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju hija waħda mill-ftit Statwi f'Malta li tinħareġ bi Proċessjoni darbtejn fis-sena. Fil-fatt, apparti mill-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, din l-Istatwa toħroġ waqt Pellegrinaġġ Devozzjonali ieħor mat-toroq ta' l-Imqabba f'Diċembru, għall-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li fakkru l-400 sena mill-erezzjoni ta' l-Imqabba bħala Parroċċa, ġimgħa qabel il-Festa ta' l-1998, l-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ngħatat merħba kbira fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba wara l-ħruġ tagħha min-Niċċa. Avveniment importanti ieħor, marbut ma' l-anniversarju ta' l-Istatwa, seħħ ħames snin ilu fl-2001 meta saru Festi Speċjali f'egħluq il-125 sena mill-miġja tagħha ġewwa l-Imqabba. Għal din l-okkażjoni, l-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ġiet esposta għall-venerazzjoni pubblika f'post ċentrali fil-Knisja tul parti kbira mix-xahar ta' Mejju. (photo)

## 28 ta' Mejju 1911

Eżattament 35 sena wara l-miġja ta' l-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju, seħħ fenomenu ieħor ġewwa l-Imqabba. Fil fatt, fl-1911 twaqqfet uffiċċjalment is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. L-ewwel laqgħa



nżammet nhar is-Sibt 28 ta' Mejju ta' l-istess sena taħt il-presidenza ta' Paolo Caruana 'Ta' l-Ave Maria', negozjant prominenti li kellu sehem kbir fil-kunflitt li wassal għat-twaqqif taż-żewġ Każini tar-raħal. Lil Caruana narawh jiddebutta bħala President ta' bosta Każini ta' Festa bikrin fosthom Casino San Giuseppe fl-1898 u Casino Santa Maria fl-1905. Ftit li xejn instabet dokumentazzjoni dwar dawn iż-żewġ għaqdiet li l-għan tagħhom kien li jorganizzaw b'mod ugwali iż-żewġ Festi prinċipali ta' l-Imqabba, dik ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni u dik tal-Madonna tal-Ġilju. Il-ħajja ta' dawn iż-żewġ Każini kienet waħda qasira ferm. Naraw li fl-1910 seħħet il-famuża qasma fi ħdan il-Każin Soċjali Santa Marija li wasslet għall-egħluq totali ta' dan il-Każin. B'riżultat ta' dan, Paolo Caruana fetaħ Każin ieħor bl-isem 'Circolo Pio X' bil-għan li jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju li bil-ħidma tal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kienet diġà rabbiet għeruq sodi.

Il-ħidma ta' l-ewwel Kumitat mill-ewwel dehret li kienet waħda relevanti u mimlija enerġija. Xhieda ta' dan kien l-ammont t'armar ġdid li sar kollu bil-ġbir tal-Partitarji fil-bidu tas-snin 20 tas-seklu l-ieħor. Fost dawn, ta' min isemmi l-pedestall tal-Vara l-Kbira u t-tnax il-mensola ta' l-anġli li jintramaw mal-Knisja fil-ġranet tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Dan l-armar għad għandna x-xorti li ngawduh sal-ġurnata tal-lum. Minn żmien bikri wkoll, il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju kienet rinomata għal-logħob tan-nar. Dan huwa rifless f'ittra ta' l-1914 li dehret fuq ġurnal lokali fejn hemm referenza għal-logħob tan-nar ta' kwalità eċċellenti maħdum miż-żagħżugħ Baskal Xuereb.




Maż-żmien, is-Soċjetà kellha tħabbat wiċċha ma diversi problemi fosthom il-Konċilju Reġjonali ta' l-1935. Dan il-Konċilju mpona diversi restrizzjonijiet ħorox fuq il-Festi hekk imsejjħa 'Sekondarji' bil-għan li jeqridhom għal-kollox. Madankollu, is-Soċjetà




Mużikali Madonna tal-Ġilju kellha l-organizzazzjoni meħtieġa biex tirreżisti dan kollu u flok sfaxxat, ssokktat aktar tikber u tingħaqad.

Ma' tmiem it-tieni Gwerra Dinjija, is-Soċjetà tagħna introduċiet il-kunċett mużikali għall-ewwel darba fl-Imqabba. Nhar id-29 ta' Awissu 1944 ġiet uffiċjalment rikonoxxuta bħala Każin tal-Banda u għaldaqstant saret l-ewwel Soċjetà Mużikali Mqabbija.

Is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju evolviet b'rata mgħaġġla f'Soċjetà dinamika. Fl-1948 tlesta l-bini tal-faċċata maestuża tal-Każin li tinsab fl-aktar post ċentrali fil-Pjazza ewlenija ta' l-Imqabba. Fis-snin 70 u 80 l-enfażi kienet fuq it-tkabbir tal-Każin u sar progress qawwi fi ħdan il-Banda Madonna tal-Ġilju li kienet tiġbor fiha element lokali żagħżugħ mill-aqwa.

## Għeluq il-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà

Fis-sena 1986 saret Festa speċjali ġewwa l-Imqabba ad unur il-Madonna tal-Ġilju, fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà. Propju għal din l-okkażjoni saret l-inawgurazzjoni ta' l-estenzjoni tal-Każin tal-Ġilju u sar frontispizju għall-każin fuq xogħol u disinn ta' l-artist Imqabbi Rosario Zammit imħallsa minn Ġuża Bondin. Saret ukoll statwa ġdida għall-kappella tal-każin li nħadmet mill-istatwarju Mqabbi Ġlormu Dingli li kienet irregalata mill-aħwa Dingli, Ġużeppi, Ġorġ u Nikola. Iżżanżan ukoll l-istandard il-Prim ġdid li ġie rregalat minn Andrew Tanti u Rokku Zammit, filwaqt li l-ħjata saret minn Emanuela Galea. Iżżanżnet ukoll bandiera ġdida meħjuta minn Edward Dingli u pittura maħduma minn Rosario Zammit. L-ispejjeż tħallsu minn Teddy Farrugia.

## Is-snin 90

Is-snin 90 ċertament għandhom jitqiesu bħala snin tad-deheb għas-Soċjetà tagħna. F'dawn is-snin, is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju laħqet il-quċċata fil-qasam tal-piroteknika permezz ta' kwalità mill-aqwa ta' xogħol, kif ukoll invenzjonijiet u tekniċi ġodda. Rajna wkoll it-twelid ta' l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ fl-Imqabba li baqgħet kontinwament il-qalb tħabbat tas-Soċjetà. L-armar ingħata spinta kbira wkoll u propju għaxar snin ilu nfetaħ il-maħżen ta' l-armar il-ġdid u fl-1995 iżżanżnu il-Planċier Meravilja u l-Bandalora tal-Banda. Il-Banda Madonna tal-Ġilju saret l-ewwel Banda Mqabbija li tat is-servizz tagħha barra minn xtutna. Ġie ppubblikat ukoll il-ktieb 'Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba', pubblikazzjoni storika u kommemorattiva mill-awtur Imqabbi u partitarju tal-Ġilju, Charles Farrugia. Fis-snin ta' wara, saret ħidma intensiva biex tissaħħaħ l-organizzazzjoni tas-Soċjetà tagħna u sal-lum il-ġurnata, il-Festa saret waħda mill-ewlenin ta' pajjiżna u fost imfittxija imfittxijin u popolari.

Permezz ta' dawn l-anniversarji, kull wieħed u waħda minna li għandhom għal qalbhom din is-Soċjetà, għandu jieqaf u jaħseb dwar dak kollu li konna kapaċi nakkwistaw bil-ħila tagħna. Is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju hija mżejjna bi storja glorjuża u fuq kollox nadifa, u għalhekk għandna nkunu kburin li lkoll nagħmlu parti minnha. Is-Soċjetà tibqa' tħares il-quddiem b'kuraġġ u ottimiżmu lejn futur brillanti f'kull qasam bil-għan waħdieni li nkomplu niċċelebraw din l-akbar Festa ta' l-Imqabba ad unur il-Purità ta' Ommna Marija.

